MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1561/1993/1

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta` assiguratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Nissan Motor Sales Limited**

**Vs**

**Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Illi s-socjeta` Nissan Motor Sales Ltd importat gewwa Malta fuq il-vapur Hual Trotter konsenja ta' vetturi Nissan (Dok. F sa I);

Illi wara li waslet il-merkanzija Malta fit-22 ta' Dicembru 1992 u nhattet f'idejn is-socjeta` The Cargo Handling Company Limited il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat ta' l-attur bid-danni elenkati fid-Dok. A;

Illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur *nomine* u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;

Illi l-attur *nomine* jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet riportati fil-merkanzija ta' l-assigurat tieghu fl-ammont ta' hames mija u disgha u ghoxrin lira u ghaxar centezmi (Lm529.10,0) inkluz f'din il-figura l-ammont ta' tlett mija u sitta u hamsin lira (Lm356) bhala *survey fees*;

Illi il-konvenut *nomine* huwa responsabbli ghal dawn id-danni;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut *nomine* responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat sofferti fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur *nomine*;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* fis-somma ta' Lm529.10,0;

3. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm529.10,0 bhala danni sofferti mill-attur *nomine* li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut *nomine*;

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta’ agenzija li s-socjeta` attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta` assiguratrici estera;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta’ Lm173.00.0 lill-Nissan Motors Sales Ltd., u l-polza ta’ l-assigurazzjoni relattiva;

3. Illi di piu fil-meritu, l-impurtatur nnifsu ffirma l-*Gate Pass Out* tramite r-rapprezentant tieghu fejn huwa ddikjara li rcieva l-merkanzija “*in good order and condition*” bla ma ghamel jew insista ghal ebda rimarka dwar l-istess u ai termini tas-sentenza datata 19 t’Awissu, 1992 fl-ismijiet Reginald Micallef vs James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 1103/86), Qorti ta’ l-Appell, is-socjeta` konvenuta m‘hijiex risponsabbli ghall-allegati hsarat;

4. Illi fir-raba’ lok u bla pregudizzju ghal premess l-ammont huwa ghal kollox esagerat stante li l-ammont ta’ Lm356.00.0 bhala *survey fees* saru propju mis-socjeta` attrici propju u ma hemm ebda surroga ghar-rigward ta’ l-istess u dana skond sentenza datata 6 t’April, 1992, fil-Qorti ta’ l-Appell Sede Kummercjali fl-ismijet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Cheb. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 112/86);

5. Illi apparti l-permess u bla pregudizzju ghall-istess, dak li huwa deskritt bhala *survey fees* u fic-citazzjoni f’dik is-*small claim information form* huwa bhala “*agency fees*” f’Dok. A bhala spejjez *proprio* tas-socjeta` attrici ma jistghux jigu riklamati kontra l-esponenti *nomine* li mieghu

l-esponenti *nomine* m'ghandu ebda relazzjoni guridika u dan ai termini tas-sentenza gia citata;

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur *nomine*;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' l-istess konvenut Godwin Abela *et nomine* li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti "*Ratione Valoris*" stante li d-danni allegatament sofferti jammontaw anqas minn Lm250.00.0 u dan peress (a) li s-*survey fees* m'humiex danni apparti li huma esagerati (b) tali *survey fees* is-socjeta` attrici m'ghandhiex dritt ghalihom stante li lanqas tezisti surroga dwar l-istess;

2. Illi di piu l-esponenti jirreferu ghall-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations ta' l-1966 l-impurtatur jaf li tali merkanzija tinhazen "*in the open and always at the sole risk of the owner*" u ghalhekk is-socjeta` konvenuta mhix risponsabbli;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-digriet tas-7 ta' April 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jisma l-provi kollha;

Rat in-noti pprezentanti mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Il-prezenti istanza hi wahda minn sensiela ta' kawzi tax-xorta taghha, ormai ben definiti mill-Qrati taghna f'bosta decizjonijiet ta' dawn l-ahhar snin;

Ghal darba ohra s-socjeta` konvenuta anke hawn tittanta tezimi ruhha mir-responsabilita` ghal hlas tad-danni b'numru ta' eccezzjonijiet standard partikolarment ghal kazijiet fejn, bhal dak attwali, il-meritu jkun jikkoncerna nuqqasijiet ta' accessorji minn vetturi importati;

"Eccezzjonijiet dawn ben definiti f'bosta gudikati u li weriet x'kienet il-prattika portwali fiz-zmien rilevanti, liema prattika ikkonduciet il-qrati biex jiddefinixxu b'aktar korrettezza l-valur probatorju tad-dokumenti portwali li jiccertifikaw l-istat tal-merkanzija fid-diversi mumenti ta' l-operazzjonijiet bejn l-izbark tal-merkanzija u l-konsenja taghha lill-importatur." – "**Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* -vs- Adrian Mifsud *et nomine***", Appell, 23 ta' April 2001;

Fil-qosor il-fatti rilevanti huma kif gej:-

(i) Fit-22 ta' Dicembru 1992 gew impurtati f'Malta disgha u tmenin (89) vettura Nissan permezz tal-bastiment "Hual Trotter";

(ii) Fil-kors tal-hatt taghha ma gew rimarkati l-ebda nuqqasijiet jew hsarat ohra. Ara *tally sheets* a fol. 25 u 26 tal-process;

(iii) Sar *survey* fuq il-vetturi fid-29 ta' Dicembru 1992 meta dawn kienu f'Laboratory Wharf. Kien waqt dan il-process li gew kostatati diversi accessorji neqsin (fol. 7 u 8 tal-process);

(iv) Mix-xhieda tas-*surveyor* Noel Ellul (fol. 50) jirrizulta illi d-*delivery clerk* tas-socjeta` konvenuta ma riedx jannota n-nuqqasijiet riskontrati u fil-fatt kif mistqarr "ma setax jaghmel rimarka tan-nuqqasijiet li sibna ghax hekk ghandu struzzjonijiet minn fuq";

(v) Minn naha tieghu d-*delivery clerk* Noel Spiteri (fol. 54) illimita ruhu biex jghid li ma rregistra l-ebda rimarki fuq il-*Gate Pass Out* (fol. 22 u 23) u kien ghalhekk li dan inhareg *clean*;

Is-socjeta` konvenuta, apparti li tiddefendi ruhha bis-soliti eccezzjonijiet, taghmel ukoll dawn l-osservazzjonijiet fin-Nota taghha a fol. 62:-

I. Is-socjeta` attrici jehtegilha taghmel prova tal-qaghda tal-vetturi meta dawn gew mghobbija abbord il-bastiment;

II. Trid tipprova wkoll li gew skarikati u mghoddija lilha ezenti minn nuqqasijiet u difetti;

III. Ghandha wkoll tistabilixxi d-difetti u nuqqasijiet fil-mument tar-rilaxx lill-importatur;

IV. U f'kaz li posittivament tistabilihom, li dawn saru b'nuqqas ta' diligenza taghha;

Gjaladarba, kif fuq rilevat, osservazzjonijiet konsimili gja gew epurati mill-Qrati l-ahjar mod ghas-soluzzjoni ta' l-istanza *de quo* hu dak li tinghata twegiba ghalihom b'referenza espressa ghal dik il-kazistika li ttrattat is-suggett;

Is-socjeta` konvenuta tissottometti illi biex ikun hemm il-prova certa li l-vetturi gew karikati mill-post tat-tluq f'kondizzjoni tajba kellha tigi esebita kopja tat-*tally sheet* li sar fil-mument tat-taghbija abbord il-vapur. Ghal din l-osservazzjoni twiegeb tajjeb id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet "**Leslie Causon *nomine* –vs- Godwin Abela *nomine***". Fiha nghad dan:-

"Din il-prova ma kienetx pero` rikjesta ... Il-polza tal-kariku esebita kienet prova adegwata li l-Kaptan tal-vapur kien ircieva l-merkanzija f'kondizzjoni tajba. Dak id-dokument portwali fin-nuqqas ta' kontestazzjoni jew prova

kontrarja kellu jkun prova tal-kontenut tieghu (art. 325 tal-Kap 13). ... Inoltre din il-Qorti wkoll ma tarax kif tista' taccetta s-sottomissjoni li ma kienx hemm prova li l-accessorji li rrizultaw misruqa kienu effettivament fil-vetturi meta gew karikati fuq il-vapur. Apparti l-fatt li ma kien hemm xejn x'jindika li dawn ma kienux accessorji li normalment jinstabu fit-tip ta' karozza mportat, u effettivament il-vetturi l-ohra kollha kellhom dawn l-accessorji, l-istess Bill of Lading li, kif inghad, hu prova tal-kontenut tieghu, ma jindikax li xi uhud mill-vetturi ma kellhomx l-accessorji li l-kumplament tal-vetturi kellhom. … Uhud minn dawn l-accessorji mbaghad tant huma meqjusa bhala parti mill-vettura illi n-nuqqas taghhom hu anke facilment notat bhala serq."

Issa in linea ta' principju "huwa minnu li d-dokumenti portwali ghandhom spiss valur probatorju determinanti. Jibqa' l-fatt pero` li meta c-cirkostanzi jkunu tali li l-Qorti tkun konvinta li ma kienux jirriflettu r-realta ghax ikunu zmentiti minn provi ohra fil-process il-Qorti kellha tiskartahom" ("**Av. Dottor Giovanni Griscti *nomine* –vs- John Cooper *et nomine et***", Appell, 19 ta' Mejju 2000. Dan ighodd b'mod generali kemm ghat-*tally sheet* kif ukoll ghall-*Gate Pass Out*;

Hi pero` skorretta s-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta illi t-*tally sheet* f'dan il-kaz, li jidher li sar mill-agent tal-vapur, ma kienx jaghmel prova konklussiva ta' l-istat tal-kariku u allura kellu jitqies inattendibbli. Il-provi juru li t-*tally* sar fil-mument ta' l-iskariku tal-vetturi u waqt li dawn kienu qeghdin jigu konsenjati lis-socjeta` konvenuta. U anke jekk, kif jidher, t-*tallying* ma kienx *joint* dan ma jirrendix ghal daqshekk dan id-dokument bhala wiehed suspettuz jew irregolari f'din l-operazzjoni;

Lanqas ma tista' tikkondividi l-fehma espressa illi l-kondizzjoni li fiha ssir t-*tally sheet* huwa ferm probabbli li certu difetti jew nuqqasijiet ma jigux riskontrati. Din ma hi xejn hlief asserzjoni gratuwita li ma tinsab sorretta minn ebda prova kuntrarja. Anzi l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tifhem li t-*tally sheet* sar b'mod legger jew skorrett. Ghandha ghalhekk allura taghti affidabilita`

lil dan id-dokument portwali u konsegwentement tassumi li fil-process ta’ l-iskariku l-vetturi gew konsenjati lis-socjeta` konvenuta minghajr nuqqasijiet;

Is-socjeta` konvenuta, imbaghad, tistrieh fuq il-prova li jaghmel il-*Gate Pass Out.* Dan bl-intendiment li tiskolpa ruhha bil-fatt li dan gie rilaxxjat *clean*;

Fir-rigward tghodd din is-silta mid-decizjoni fl-ismijiet “**Avukat Dottor Robert Staines *nomine* -vs- Godwin Abela *et nomine***”, Appell, 19 ta’ Mejju 2000:-

“Hu wkoll provat fl-atti illi jokkorru wkoll f’din il-kawza ir-raguni ta’ konvenjenza ghaliex il-vetturi kienu rilaxxjati b’*Gate Pass-Out* li kien *clean* meta fil-verita` dawn kellhom il-hsarat u n-nuqqasijiet precedentement riskontrati. Jirrizulta li minghajr dak id-dokument il-vetturi kienu jibqghu fil-port u li ma kienx hemm disponibilita’ li l-*Gate Pass-Out* jinhareg jekk ma jkunx wiehed nadif. Il-konsegwenzi ta’ din is-sitwazzjoni huma ben maghrufa.”

Kif ulterjorment rilevat, “dana principalment minhabba l-gurisprudenza konsistenti f’dawn l-ahhar snin ta’ din il-Qorti u Qrati ohra li fihom gie stabbilit bla ebda ombra ta’ dubju illi l-proceduri tal-port ghar-rilaxx tal-merkanzija f’certu zmien storiku ben definit kienet tali illi kienet timponi fuq l-importatur illi, biex jizdogana l-merkanzija mill-Port u johodha minn taht idejn is-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Company Limited, kien jehtieglu jaccetta r-rilaxx ta’ “clean *Gate Pass Out*”, nonostante li gew verifikati nuqqasijiet u hsarat fil-merkanzija.” “**Noel Ellul *nomine* –vs- Joseph Apps *nomine et***”, Appell, 9 ta’ Frar 2001;

Il-Qrati taghna cahdu wkoll eccezzjonijiet li jaskrivu ezoneru preventiv li s-socjeta` konvenuta tippretendi *ex lege*. “Dan peress li dawn il-Qrati rritenew li tali disposizzjonijet ma kienux ifissru illi s-socjeta` konvenuta kienet qed tigi ezentata mill-obbligi li d-depozitarju ta’ hwejjeg haddiehor kellu li jikkustodixxi l-oggetti fdati f’idejh “*uti bonus paterfamilias*” skond il-principji generali tad-dritt. Fost dawn id-disposizzjonijiet is-socjeta` konvenuta

tinvoka l-Artikolu 90 tal-Port Regulations 1966 u t-Tlettax-il Skeda ta' l-istess Port Regulations.";

F'dan il-kuntest gie ritenut ukoll illi "r-regolament numru 90 tal-1966 dwar il-Portijiet ... jehles lill-Gvern minn kull responsabilita' ghal xi hsara li tigri fil-merkanzija billi din tinzamm fil-berah. Dan ir-Regolament ma jservix ukoll biex jezonera lil The Cargo Handling Company Limited mir-responsabilita` taghha lejn l-importatur. Ir-regolament jipprovdi wkoll illi l-Gvern jinheles mir-responsabilita` biss kwante volte jkun hemm ordni specifika tad-Direttur tal-Port dwar fejn kellha tinzamm il-merkanzija. Ordni li fil-kaz taht ezami ma tirrizultax provata." – "**Formosa & Camilleri Ltd *nomine* -vs- Sea Malta Company Limited *et***", Appell, 12 ta' Gunju 2000;

Permezz ta' eccezzjoni ulterjuri (fol. 41) is-socjeta` konvenuta ssollevat ukoll l-inkompetenza *ratione valoris* u dan peress, kif minnha sostnut, is-*survey fees* ma humiex danni. Anke hawn il-gurisprudenza hi ormai pacifika. Is-*survey fees* ghandhom jigu kkonsidrati "bhala spiza accessorja u necessarja inkorsi biex jigu stabbiliti d-danni reklamati u ghalhekk kellhom huma stess jitqiesu bhala danni rizarcibbli minn min kien tenut responsabbli ghal hlas taghhom" – "**Av. Dottor Robert Staines *nomine* –vs- James Gollcher *et nomine et***", Appell, 30 ta' Marzu 2001;

Cionostante dawn is-*survey fees* kellhom ikunu relatati mal-volum ta' merkanzija li tirrizulta danneggjata b'nuqqasijiet jew hsarat u allura skond gurisprudenza affermata "ma kienx gust illi jekk jirrizultaw xi danni f'xi parti mill-merkanzija allura min kien responsabbli ghaliha kellu jigi akkollat bilfors bl-ispiza kollha tas-*survey* li jkun sar mis-socjeta` assiguratrici tal-merkanzija kollha. Kellu ghall-kuntrarju jigi kundannat ihallas biss rata proporzjonali marbuta mal-kwantita` ossija volum ta' merkanzija li tirrizulta danneggjata u li dwarha jkun qed isir riklam ghall-kumpens b'success" – "**Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* –vs- James Gollcher *et nomine***", Appell, 9 ta' Frar 2001;

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-ammont ta' *survey fees* ghandu jigi ridott billi applikata r-rata stabbilita` ta' erba' liri (lm4) ghal kull vettura li dwarha s-*survey* stabilixxa nuqqas l-ammont ta' *fees* ghandu jigi ridott ghal sebghin lira (Lm70). Dan maghdud flimkien ma' l-istima ta' l-accessorji nieqsa jgib total ta' mitejn u tlieta u erbghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm243.10,).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara lill-konvenut *nomine* responsabbli ghan-nuqqasijiet ta' accessorji f'uhud mill-vetturi mportati f'Malta fit-22 ta' Dicembru 1992 permezz tal-vapur "Hual Trotter";

Tillikwida d-danni fl-ammont ta' mitejn u tlieta u erbghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm243.10,0);

Konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` assiguratrici attrici s-somma fuq indikata in linea ta' danni, bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (11 ta' Jannar 1994).

L-ispejjez tal-kawza in vista tar-rebh u t-telf ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------